MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 467/2004

**Martin Degabriele**

**vs**

**Ronald Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 t'Awissu tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas is-somma hekk kif likwidata minn din il-qorti, in konnessjoni ma' danni kkagunati in konsegwenza ta' magna ta' vettura mibjugha lill-attur mill-konvenut, liema magna m'ghandhiex id-dokumentazzjoni necessarja sabiex tigi rregistrata kif rikjest mil-ligi, u

ghalhekk il-vettura fejn giet imqieghda l-magna in kwistjoni ma tistax tintuza;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1730/04 u imghax u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

3. Illi ai finijiet ta' kompetenza t-talba hawn fuq indikata ma teccedix l-elfejn u hames mitt Lira Maltin, (Lm2,500.00,0);

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Innotat illi l-konvenut Ronald Muscat baqa' kontumaci;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur fittex is-servizzi tal-konvenut biex jissostitwixxi l-magna tal-vettura tieghu tal-marka Opel Omega bin-numru ta' registrazzjoni OAS – 235 li kienet marritlu;

2. Illi l-attur ried li l-magna in dizamina tigi sostitwita b'wahda "diesel";

3. Illi l-konvenut informa lill-attur li kien ser jissostitwixxi l-magna de quo b'wahda tal-marka Toyota u li din kienet ser tkun tat-tip "diesel" kif xtaq l-istess attur;

4. Illi b'rizultat ta' dan il-ftehim jirrizulta li skond in-nota attrici li tidher a fol hmistax (15) jirrizulta li l-attur effettwa s-segwenti spejjez:

LM

| | |
|---|---|
| a. Magna tal-marka Toyota: | 350.00,0 |
| b. Xoghol biex titpogga: | 112.00,0 |
| c. Radiator: | 73.00,0 |
| d. Licenzja: | 95.00,0 |
| e. Insurance: | 117.00,0 |
| f. Kiri ta' vettura: | 811.33,0 |

Total:
1,558.33,0

5. Illi l-imsemmija spejjez huma regolarment muniti bid-dokumentazzjoni relattiva:

6. Illi l-attur hallas lill-konvenut l-ammonti kollha dovuti, anzi addiritturi jallega wkoll li hallsu ghoxrin Lira Maltin, (LM20.00,0), aktar mid-dovut;

7. Illi meta l-attur staqsa lill-konvenut biex jaghtih id-dokumentazzjoni kollha necessarja biex ikun jista' jirregistra l-vettura tieghu skond il-Ligi, il-konvenut assigurah li kien ser igib id-dokumentazzjoni mehtiega u jghaddihomlu;

8. Illi nonostante li l-attur talab din id-dokumentazzjoni diversi drabi mill-konvenut, dan baqa' inadempjenti;

9. Illi meta l-attur ghamel il-verifiki tiehu irrizulta li l-indikazzjonijiet lilu moghtija mill-konvenut ma kienux minnhom;

10. Illi meta l-vettura de quo ittiehdet ghall-VRT, din m'ghaddietx mit-"test' u l-attur gie infurmat li b'rizultat ta' dan ma setax juza l-vettura de quo fit-triq;

11. Illi konsegwenza ta' dan l-attur kien kostrett jikri karozza u dam jaghmel hekk ghal perjodu ta' erba' (4) xhur;

12. Illi l-konvenut qatt ma deher biex jassumi r-responsabbilitajiet tieghu u l-attur ghalhekk kien kostrett jinizja l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut baqa' persistenti bl-atitudini tieghu li ma jwegibx ghal eghmilu jew li jgib il-pozizzjoni tieghu quddiem il-forum odjern u dan nonostante l-fatt li kien debitament notifikat b'kopja ta' l-avviz promotur u bl-avviz ghas-smiegh ta' l-istess kif jirrizulta ta fol 5 tal-process;

Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u konsegwentement:

1. Tiddikjara lill-konvenut Ronald Muscat responsabbli ghall-akkadut fuq sintetikament elenkat;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Martin Degabriele fl-ammont ta' elf, hames mija u tmienja u hamsin Lira Maltin u tlieta u tletin centezmu, (LM1,558.33,0);

3. Tikkundanna lill-konvenut Ronald Muscat biex ihallas lill-attur Martin Degabriele l-ammont hekk likwidat bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------